MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2008

Numru. 1424/2007

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Stephen Gatt)
vs
Rittmar Hatherly, iben James, imwieled Pieta' fit-23 ta' lulju, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-11 ta' Novembru, 2007, għal habta tal-4.00 a.m. fi Triq Bisazza, Sliema:
1. bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq mill-ħanut 'Ultimate', flimkien ma persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u li kieku ġie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin u bil-ħin;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi flimkien ma persuni oħra, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħġieġa mill-faċċata tal-ħanut 'Ultimate', kif ukoll screen ta' television u laptop computer, liema ħsara teċċedi l-ħames mitt lira maltin, liema ħsara saret għad-dannu tas-soċjeta' Cutajar Limited u/jew persuni oħra;
3. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġa ġie misjub ħati permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati fid-19 ta' Lulju, 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
4. talli sar reċidiv skond l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li ġa ġie misjub ħati b'sentenza mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008 fejn il-partijiet qablu li t-tielet akkuża meritu ta' din il-kawża ġiet deċiza fil-kawża fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v Rittmar Hatherly et' deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru, 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li l-imputat qed isegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu fil-kumpless ta' San Blas.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008 fejn id-danni li għamel l-imputat ġew kwantifikati fis-somma ta' €1,747.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu bl-eċċezzjoni ta' dak li ntqal hawn fuq.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża billi l-imputat ġiet trattat għal din l-akkuża fis-sentenza hawn fuq imsemmija. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264, 267, 270, 278(1)(2)(3), 289 u

325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi llum, l-imputat qed isegwi program residenżjali fil-kumpless ta' San Blas u fiċ-ċirkostanżi, anki tenut kont tas-sentenza hawn fuq imsemmija, l-imputat għandu jingħata l-opportunita' li jsegwi l-kors li hu għadu kif beda. Għaldaqstant, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' €1,747 in linea ta' danni lis-soċjeta' Cutajar Limited fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------